MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 434/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Miruzzi)**
**Vs**
**Joseph Buttigieg**
**Carmel Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Novembru, 2008 u/jew fil-granet ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer personalment jew/u bhala ufficjali tal-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) naqsu li jikkonformaw rwiehhom ma' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew naqsu milli jikkonformaw rwiehhom mal-kundizzjonijiet ta' xi ordni moghtija legittimatament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jigifieri tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat (libsu crieket jew qabdu lil min ilibbes crieket lil xi ghasfur meta ma kellhomx licenzji

relattivi u kelhom pussess tal-ghasafar f'riserva – Regolament 23 u 24 tal-A.L. 79 ta' l-2006;
Fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi kisru xi restrizzjoni projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht l-A.L. 79 ta' l-2006 kif sussegwentement emendati;
Fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi agixxew bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;
Fl-istess data, lok, perjodu u cirksotanzi kkonfoffaw jew ittantaw, jew ghinu, hajru, taw parir jew flus lil xi haddiehor biex jikser xi disposizzjoni bhal dawk (inkluza ordni legittimament moghtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti), jew biex jiksru xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht ir-regolamenti ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 kif sussegwentement emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat ir-regolament 23 u 24 tal-Avviz Legali 79 tal-2006, ma sabitx lill-appellati hatja w ghaldaqstant illiberathom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma sarx apprezzament xieraq tal-provi u enuncjazzjoni tajjeb tal-ligi, u tiddeciedi l-mertu tal-kawza ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avviz Legali 79 tal-2006 u ssib lill-appellati hatjin tal-akkuzi migjuba kontrihom.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi wiehed mill-punti tad-difiza ta' l-appellati kienet li huma ma rringjawx l-ghasafar imma immarkawhom. Dan gie accettat mill-Ewwel Qorti u l-appellati ma nstabux hatja.

Huwa car li l-kliem immarkar (marking) u irringjar(ringing) ifissru l-istess haga, w ma hemm l-ebda differenza bejn dawn iz-zewg kelmiet. Kemm il-kelma rringjar u kemm immarkar huma definizzjonijiet sinonimi u jintuzaw wahda flok l-ohra ghal dak li ghandu x'jaqsam skond "Scientific Bird Ringing".

Meta tirringja ghasfur tkun essenzjalment qed timmarka l-ghasfur biex ikun jista' jigi identifikat. Fil-fatt it-termini "marking" u "ringing" gew issottitwixxu 'il xulxin minn mindu l-irringjar beda.

2. Irrespettivament mis-semantika tat-terminologija, l-appellati jghidu bl-aktar mod car li huma irringjaw l-ghasafar

Fi kliem l-appellati stess, l-ghasafar qed jigu irringjati bi crieket innumerati. Barra minn hekk l-appellati qed jitolbu lill-kaccaturi biex jaghtu c-crieket lura lilha, f'kaz li l-ghasfur irringjat jinqatel. Zgur ma tistax tkun aktar car minn hekk.

3. Apparti l-fatt li l-appellati qalu li rringjaw l-ghasafar, il-ligi tghid fil-A.L. 79 ta' l-2206 illi dawk biss li ghandhom il-licenzja ta' ringers jistghu jirringjaw jew jimmarkaw l-ghasafar.

Kif gie spjegat sa issa, l-appellati fil-verita' involvew ruhhom f'ezercizzju ta' irringjar illegali, kif johrog b'mod car fl-istqarrija ghall-istampa. Iktar minn hekk, id-difiza taghhom li kienu qed jimmarkaw u mhux jirringjaw l-ghasafar hija hmerija, ghax iz-zewg termini iffissru l-istess. In oltre, l-ligi taghmilha cara li anke hekk wiehed kellu jaccetta l-argument infondat li l-appellati ma kienux qed jirringjaw l-ghasafar imma jimmarkawhom, dan hu xorta att illegali.

L-artikolu 23 tal-A.I. 79 ta' l-2006 tittratta l-aspetti legali ta' l-irringjar ta' l- ghasafar, u specifikament l-artikolu 23(2) ta' l-istess Avviz Legali. Din l- artikolu tal-ligi, taghmilha cara li l-irringjar u l-immarkar jista' biss isir minn "bird ringers" licenzjati. Allura hija haga cara li jekk wiehed ma jkollux licenzja ghall-irringjar ta' l-ghasafar, kif kien f'dan il-kaz ghal kull membru tal-FKNK li wettqu dan l-ezercizzju illegali ta' l-irringjar fil-Buskett, allura din l-azzjoni kienet illegali.

4. Illegalitajiet u konsiderazzjonijiet ohra fid-29 ta’ Novembru, 2008 fil-Buskett Bird Sanctuary.

Kif gie spjegat, l-appellati wettqu illegalment attivita’ ta’ l-irringjar bla ma kellhom licenzja ghall-irringjar ta’ l-ghasafar, u ghaldaqstant l-Ewwel Qorti kellha ssibhom hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontrihom. In oltre, l-appellati kissru ukoll ligijiet ohra taht LN 79 tal-2006, sab-artikolu 23(2) li qatt ma gew apprezzati w ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti.

L-origini tac-crieket uzati mill-appellati ma kienux approvati jew maghrufa mid- Direttur mhux bhal fil-kaz tac-crieket uzati mill-Birdlife Malta, li huma approvati u huma ukoll crieket standard rikonoxxuti mill-EURING u ghalhekk dawn ic- crieket mhux maghrufa jiksru d-disposizzjoni ta’ l-A.L. 79 tal-2006.

L-ghasafar li gew irringjati mill-appellati nqabdu mill-membri tal-FKNK f’xi zmien waqt il-passa tal-harifa kif intqal waqt il-konferenza ghall-istampa. Dan imur kontra LN 79 tal-2006, Section 23(2)(e) ghaliex l-ghasafar iridu jigu irringjati u mehlusa immedjatament u mhux jinzammu maqbuda ghal perjodu indefinit li seta’ dam ix-xhur (kif gara f’dan il-kaz). Mhux talli din l-azzjoni hi llegali, imma ukoll ghaliex :

(i) setghet tfixkel serjament ir-ritmu individwali tal-passa ta’ l-ghasafar (per ezempju l-passa tal-gamiem, u ghaldaqstant hemm dubbju kemm it-tlett ghasafar mehlusa mill-appellati li jirrapprezentat il-FKNK jistghu jkomplu l- passa lejn l-Afrika w ghalhekk jibqghu Malta) u

(ii) jirrizulta li l-ghasafar igorru l-mard minhabba l-perjodu tal-gheluq taghhom (bhal Trichomoniasis) (li l-ghasafar ta’ l-ghana huma partikolarment suxxettibli) u ghalhekk il-mard jinxtered fost il-popolazzjoni selvagga.

In-nassaba (kemm ghall-ghasafar ta’ l-ghana, pluvieri jew gamiem) kollha juzaw ghasafar hajjin bhala lixka madwar it-trabok. Din hi prattika llegali ghar-ringjar ta’ l-ghasafar u ghaldaqstant l-ghasafar li nqabdu w li gew irringjati mill- FKNK inqabdu billi uzaw metodi llegali. Din l-azzjoni tmur kontra LN 79 tal-2006 artikolu 23(4).

L-iskema Maltija ghall-irringjar hija amministrata mill-Birdlife Malta. Din l- iskema ta’ l-irringjar hija accettata mill-EURING li taghha Birdlife Malta hija membru.

L-appellati m'ghandhom ebda certifikat tat-tahrig ta' din l-iskema ta' l-irringjar mill-Birdlife Malta. Ghaldaqstant l-appellati li kienu qeghdin jirringjaw l-ghasafar kienu qed jaghmlu dan b'mod illegali u bi ksur tal-LN 79 tal-2006 artikolu 23(5)(a).

L-iskema Maltija ghall-irringjar hija amministrata, mill-Birdlife Malta, li hija skema ta' l-irringjar accettata mill-EURING u li taghha Birdlife Malta hija membru. L-appellati qatt ma nghataw approvazzjoni ta' liceznja mill-iskema ta' l-irringjar mill-Birdlife Malta. Allura l-appellati li irringja l-ghasafar kienu qed jaghmlu dan b'mod illegali u bi ksur ta' l-A.L. 79 tal-2006, artikolu 23(5)(b)

L-appellati bhala rapprezentati ufficjali tal-FKNK, kellhom bzonn licenzja ta' nassaba w kaccaturi (sakemm ma nqabdux l-ghasafar illegalment minghajr licenzja ta' nasaba jew kaccaturi). Ghaldaqstant meta l-appellati irringjaw l-ghasafar dawn kienu qed jaghmlu hekk illegalment u bi ksur ta' l-A.L. 79 tal-2006 artikolu 23(5)(c).

Aktar minnhekk, ta' min jinnota li l-ghasafar li nhelsu mill-appellati inhelsu gewwa l-Buskett Bird Sanctuary. Dan hu att illegali u bi ksur ta' l-A.L. 79 tal-2006, artikolu 24(b).

Johrog car minn dan kollu li waqt il-Konferenza ghall-istampa tal-FKNK li kienu prezenti l-appellati, l-ghasafar kienu irringjati illegalment, intuzaw crieket illegali u dan gewwa Santwarju ghall-ghasafar hekk ikkonfermati b'ritratti fuq il-website tal-FKNK li juru l-appellati waqt li gamiema qed tigi rringjata illegalment u dawn b'mod pubbliku minkejja attitudni gdida ta' "Zero Tolerance".

In vista ta' dawn il-punti kif hawn dedotti u pprezentati mill-prosekuzzjoni u li ghad irrid isiru fit-trattazzjoni ta' dan l-appell, bid-dovut rispett l-appellant ihoss illi l-Ewwel Qorti kellha provi bizzejjed a bazi ta' liema ssib lill-appellati hatja tal-akkuzi migjuba kontrihom peress ili ma kienx jissussisti n-nuqqas tal-principju fondamentali tad-dubbju raggjonevoli.

Ikkunsidrat :

Dana huwa appell ta' l-Avukat Generali fejn talab ir-revoka TAS-SENTENZA tal-Ewwel Qorti peress illi permessi ghal ringing ta' l-ghasafar iridu jigu mill-Bird Life li ghandha f'idejha l-Amministrazzjoni tal-Euro Ring li hija l-ente awtorizzata biex taghti l-permessi ghal ringing tal-ghasafar.

Din il-kawza hija bbazata fuq press release maghmula mill-FKNK meta rrilaxxat xi ghasafar, allegatament minghajr il-permessi necessarji.

Ikkunsidrat :

Wara illi l-Qorti ezaminat il-provi li gew prodotti, rrizulta llum illi huwa minnu illi saret press release tal-FKNK u gew esebiti diversi ritratti mehuda minn gazzetta lokali fejn jidhru l-appellati fil-presenza ta' grupp ta' nies waqt ir-rilaxx ta' xi ghasafar.  Hemm ukoll ritratt ta' par idejn izommu ghasfur waqt procedura tar-ringing.

L-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi mill-provi prodotti ma rrizultax illi kienu l-appellati illi ghamlu c-crieket jew qabdu lil haddiehor jaghmlu dan.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali jargumenta illi l-mexxejja tal-FKNK kienu responsabbli ghax huma hargu l-istruzzjonijiet u l-press release hija evidenza w kooroborazzjoni ta' dan il-fatt.

L-istqarrijiet kienu bizzejjed biex jimputaw lill-appellati w ghalhekk kellhom jinstabu hatja.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti jidhrilha illi l-argument tal-Avukat Generali ma jreggixx.

Dina hija Awla tal-provi w jrid jirrizulta minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-appellati kienu fil-fatt strumentali kemm fir-ringing kif ukoll fir-rilaxx tal-ghasafar.  Il-presenza taghhom fir-ritratti mihix prova bizzejjed biex twassal ghal dan ic-certezza morali illi kienu huma li

effettivament wettqu r-ringing u r-rilaxx. Bhal ma hemmx prova ta' min kienu dawk il-par idejn illi effettivament kienu qed iqeghdu curkett fuq ghasfur partikolari.

Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar is-sahha probattiva ta' provi cirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi jistghu jwasslu ghall-htija jekk tirrizulta konkluzzjoni wahda. Jigifieri li l-provi tkun univoka.

F'dan il-kaz ghandna provi cirkostanzjali fis-sens illi jidhru l-appellati f'ritratti ppublikati f'gazzetta lokali. F'dawn ir-ritratti l-appellati jidhru prezenti w f'wiehed minnhom l-appellat Lino Farrugia jidher itajjar ghasfur tat-tip "Golden Plover" izda rilaxx ta' ghasfur mhuwiex reat fih innifsu.

L-akkuza trid tigi ppruvata fis-sens illi kien l-appellat Lino Farrugia illi wettaq ir-ringing fuq l-ghasfur partikolari, izda dana ma rrizultax.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mall-Ewwel Qorti illi provi diretti fil-konfront tal-appellati ma kienx hemm.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha (ara Pulizija vs Carmelo Schembri [28.04.1995]).

Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament u jidrilha illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha w ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------